# Kawża C-292/08

# German Graphics Graphische Maschinen GmbH

# vs

# Alice van der Schee, bħala stralċjarja ta' Holland Binding BV

(talba għal deċiżjoni preliminari
mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden)

"Falliment — Applikazzjoni tal-liġi tal-Istat Membru fejn tinfetaħ il-proċedura — Riżerva tat-titolu — Post fejn jinsabu l-beni"

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) tal-10 ta' Settembru 2009 . . I - 8424

## Sommarju tas-sentenza

1. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Rikonoxximent u eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet — Deċiżjonijiet fis-sens tal-Artikolu 25(1) u (2) tar-Regolament Nru 1346/2000*

   *(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1346/2000, Artikolu 25(1) u (2) u Nru 44/2001)*

2. *Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili — Ġurisdizzjoni u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali — Regolament Nru 44/2001 — Kamp ta' applikazzjoni — Oqsma esklużi — Fallimenti, proċedimenti li għandhom x'jaqsmu ma' għeluq ta' kumpanniji falluti, arranġamenti ġuridiċi, kompożizzjoni jew proċedimenti analogi — Portata*

   *(Regolamenti tal-Kunsill Nru 1346/2000, Artikoli 4(2)(b), u 7(1), u Nru 44/2001, Artikolu 1(2)(b))*

1. L-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1346/2000, dwar il-proċedimenti ta' falliment, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-termini "basta illi dik il-Konvenzjoni tkun applikabbli" ifissru li, qabel ma jista' jiġi deċiż li jiġu applikati r-regoli ta' rikonoxximent u ta' eżekuzzjoni previsti mir-Regolament Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali għas-sentenzi li mhumiex dawk previsti mill-Artikolu 25(1) tar-Regolament Nru 1346/2000, huwa neċessarju li jiġi vverifikat jekk is-sentenzi ma jinsabux barra mill-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Nru 44/2001.

Tali verifika tirriżulta neċessarja meta mhuwiex eskluż li, fost is-sentenzi previsti fl-Artikolu 25(2) tar-Regolament Nru 1346/2000 li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, jinsabu wkoll sentenzi li lanqas ma jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001. F'dan ir-rigward, mill-kliem tal-Artikolu 25(2) jirriżulta li l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 għal sentenza, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, hija suġġetta għall-kundizzjoni li din is-sentenza tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-aħħar regolament. Minn dan isegwi li, jekk is-sentenza kkonċernata ma tirrigwardax materji ċivili jew kummerċjali, jew jekk esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, prevista fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, hija applikabbli, l-imsemmi regolament ma jistax japplika.

(ara l-punti 17, 18, 20 u d-dispożittiv 1)

2. L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament Nru 44/2001 dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, moqrija flimkien mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 1346/2000, dwar il-proċedimenti ta' falliment, għandha tiġi interpretata, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(2)(b) ta' dan l-aħħar regolament, fis-sens li din ma tapplikax għal azzjoni ta' bejjiegħ eżerċitata taħt klawżola ta' riżerva tat-titolu kontra xerrej f'sitwazzjoni ta' falliment, meta l-beni li huwa s-suġġett ta' tali klawżola jinsab fl-Istat Membru fejn tinfetaħ il-proċedura ta' falliment fiż-żmien tal-ftuħ ta' din il-proċedura kontra l-imsemmi xerrej.

Fil-fatt, l-intensità tar-rabta bejn tali azzjoni ġudizzjarja u l-proċedura ta' falliment hija determinanti sabiex jiġi deċiż jekk l-eċċezzjoni inkwistjoni għandhiex tapplika. Issa, peress li, din kienet biss intiża sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-klawżola tar-riżerva tat-titolu, din ir-rabta la tidher suffiċjentement diretta u

lanqas suffiċjentement stretta sabiex tiġi eskluża l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001. Għaldaqstant, tali azzjoni tikkostitwixxi azzjoni awtonoma, li mhijiex ibbażata fuq id-dritt tal-proċeduri ta' falliment u li la teħtieġ il-ftuħ ta' proċedura ta' dan it-tip u lanqas l-intervent ta' stralċjarju. Il-fatt biss li l-istralċjarju huwa parti mill-kontroversja ma jidhirx biżżejjed sabiex tali proċedura titqies bħala proċedura li tirriżulta direttament mill-falliment u li tidħol strettament fil-kuntest ta' proċedura ta' stralċ ta' beni.

(ara l-punti 29-33, 38 u d-dispożittiv 2)